**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' il-Gimgha 14 ta' Dicembru, 2018**

**Rikors Kongunt Numru : 435/2018 JPG**

**Kawza Numru : 32**

**GG**

**U**

**AG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' GG u AG, datat 26 ta' Settembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fl-04 ta' Gunju 1995 kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. 'A', u minn din l-ghaqda twieled tifel TG illi twieled fid-29 ta' Dicembru 1999, u illi llum huwa maggiorenni;*

2. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 24 ta' Gunju 2004 fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace, u kopja tal-istess qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "A"*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre l-fatt li ilhom aktar minn erba' (4) snin separati, huma ghandhom hajja totalment separata u independent minn xulxin;*

4. *Illi ma hemm ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-ohra, u dan anke ghaliex il-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-*

*dritt li jitolbu u jottjenu hlas ta' manteniment minghand xulxin, u dan kif jirrizulta minn klawsola numru tnejn (2) tal-kuntratt ta' separazzjoni;*

5. *Illi l-ebda hlas ta' manteniment ma huwa dovut fil-konfront ta' TG stante illi llum huwa maggorenni u qieghed jahdem fuq bazi full-time;*

6. *Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissoddisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju.*

***Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:***

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AG** xehdet a fol 14 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fl-4 ta' Gunju 1995, u minn dan iz-zwieg twieled tifel wiehed li llum il-gurnata huwa maggorenni u jahdem *full-time.* Qalet illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal circa hmistax -il sena, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Ikkonfermat ukoll li m'hemm l-ebda pendenzi rigward manteniment.

**GG** xehed a fol 16 *et seqq* u kkonferma x-xhieda ta' AG.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Il-Qorti rat jirrizulta illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 23 ta' Gunju 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Mary Grech Pace, debitament awtorizzat mill- Qorti, vide Dok A, a fol 4, u ilhom jghixu separatament ghal circa hmistax – il sena.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**